MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Avvi$Z Numru. 257/2003

**Image Systems Ltd**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, tlett mija u tlieta u ghoxrin Liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM2,323.79,0), rapprezentanti kera ta' `xerox equipment' mikri lilha mis-socjeta' attrici fuq inkarigu taghha;**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata tnejn (2) t'April 2003 u bl-imghax legali sal-jum tal-hlas effettiv kontra s-socjeta' konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fit-18 ta' Gunju tas-sena 2003 meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------